MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 458/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Geoffrey Azzopardi)**
**Vs**
**Victor Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala
Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli
a. Nhar is-26 ta' Gunju, 1999 ghall-habta ta' 5.30pm, fl-inhawi tal-Qawra, bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita' kompetenti, w barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna, cioe' lil M E Sommer ta' nazzjonalita' Olandiza, kontra l-volonta' taghha;
b. fl-istess gurnata, hin, lok, u cirkostanzi, wettaq serq ta' handbag minn fuq il- persuna ta' M E Sommer,

liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-Lm1,000.000;

c. fl-istess gurnata, u lok ghall-habta tas-6.00pm, fl-inhawi tal-Qawra bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna, cioe' lil Hennie Prinsen ta' nazzjonalita' Olandiza, detentur tal- passaport numru T09155700, kontra l-volonta' taghha;

d. fl-istess gurnata, hin, lok u cirkostanzi, wettaq serq ta' handbag minn fuq il- persuna ta' Hennie Persen, detentur tal-karta tal-passaport numru T09155700;

e. nhar is-26 ta' Gunju, 1999 jew f'xi granet qabel, xjentement, f'Malta, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

f. nhar is-26 ta' Gunju, 1999 ghall-habta ta' 7.00pm, ghamel uzu minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni LDK 719 minghajr ma kien liebes *seat belt*.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
tal-24 ta' Novembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 17, 261, 267 u 279 tal-Kapitolu 9 sabet lill-appellant hati tat-tieni w r-raba' akkuza w ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' tmin xhur filwaqt li lliberatu mill-kumplament cioe' mill-ewwel, mit-tielet, mill-hames u s-sitt akkuzi.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta' Dicembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta' htija dwar l-imputazzjonijiet (b) u (d) limitatament ghas-serq semplici, tikkonferma l-liberatorja dwar l-imputazzjonijiet (a), (c), (e) u (f) u thassar dik il-parti fejn sabet illi s-serq taht l-imputazzjoni (b) kien kwalifikat bil-valur u minflok tilliberah minn tali kwalifika w thassar dik il-parti wkoll fejn ikkundannatu ghall-tmien xhur prigunerija w minflok timponi piena aktar gusta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant li huma s-segwenti :-

1. Illi l-Ewwel Qorti kienet skoretta meta sabet lill-appellant hati ta' serq ikkwalifikat bil-valur (imputazzjoni b) stante illi mill-provi jirrizulta illi tali serq kien wiehed semplici in vista tal-fatt illi l-valur tar-refurtiva ma kienx jeccedi l-mitt Lira Maltin (LM100). Tabilhaqq M.E. Sommer, id-derubata xehdet illi l-valur globali ta' l-oggetti lilha misruqa kien anqas minn mitt Lira. Illi ghalhekk l-appellant kellu jigi dikjarat hati biss ta' serq semplici w konsegwentement din il-Qorti ghandha tilliberah mill-kwalifika tal-valur u tirridimensjona l-piena relattivament (il-massimu tal-piena ghas-serq semplici huwa sitt xhur prigunerija);
2. Illi l-piena nflitta kienet wahda eccessiva stante dak suespost kif ukoll ghaliex il-Qorti injorat diversi fatturi oggettivi li kienu jimmilitaw favur ta' piena ta' prigunerija sospiza jew provvediment alternattiv iehor sabiex jigi fl-ewwel lok assikurata r-riforma tal-appellant u dan qabel aspetti ohra tal-piena.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda s-sejbien ta' htija ta' serq bl-aggravanti tal-valur. Hu jargumenta li ma hemmx il-prova li l-oggetti misruqa kellhom valur ta' aktar minn LM100 u ghalhekk si trattava biss ta' serq semplici bil-konsegwenti ridimensjoni tal-piena.

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija ta' serq dwar it-tieni imputazzjoni bl-aggravanti tal-valur kif ghamlet.

Ikkonsidrat;

Illi mix-xiehda ta' **M.E. Sommer** (a fol. 35 tal-process) jirrizulta li fil-*handbag* li nsterqilha kien hemm *camera* li kienet tqum madwar LM80, *sunglasses* li jqumu xi LM5 u *wallet* zghir b' xi muniti zghar fl-ammont ta' xi LM5 . Il-*handbag* kien jiswa xi LM3. Il-*camera* kienet inxtrat xi tlitt snin qabel is-serqa bil-prezz ta' xi LM80 u l-*handbag* kienet xtratu qabel il-*camera* bil-prezz fuq imsemmi ta' Lm3.

Umbaghad mix-xiehda ta' **Penny Prinsen** (Fol. 27) jirrizulta li fil-bag li ttiehdilha kien hemm *wallet* b' mitt Dutch Gilder go fih, zewg credit cards, *health insurance card,* ritratt tal-kelb taghha, *photobox* li kien tqum xi LM7 u l-*bag* innifsu kien iqum xi LM10. Il-*lipstick* kien iqum LM4 u l-medicini xi LM3

Ghalhekk jidher li f' kull wahda miz-zewg serqiet separati li gie akkuzat bihom u nstab hati taghhom l-appellant, il-valur ma jirrizultax li kien jeccedi l-LM100 ossia Euro 232.93, li hu l-ammont minimu mehtieg biex is-serq ikun ikkwalifikat bil-valur, skond l-artikolu 267 tal-Kodici Kriminali, li gie citat mill-Ewwel Qorti fil-parti dispozittiva tas-sentenza appellata.

Ghalhekk dan l-aggravju jidher gustifikat u qed jigi milqugh u dan necessarjament irid ikun rifless fil-piena.

Ikkonsidrat;

Li skond l-artikolu 285 tal-Kodici Kriminali, l-piena ghar-reat ta' serq semplici hija dik ta' minn xahar sa sitt xhur prigunerija, stante li l-valur tas-serqa mertu tat-tieni imputazzjoni w cioe' dik ta' Sommer, zgur kien jeccedi l-valur ta' Ewro 23.29c u ghalhekk mhux applikabbli l-*proviso* ta' dan l-artikolu. Mbaghad, stante li l-appellant ser issa instab hati ta' zewg imputazzjonijiet ta' serq semplici, bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) tal-Kap.9 , jista' jigi sentenzjat ghall-piena kumulattiva massima ta' disa' (9) xhur prigunerija

Illi mill-fedina penali aggornata tal-appellant jirrizulta li hu gja nstab hati mill-Qrati mhux inqas minn hdax il-darba ta'

reati li jvarjaw minn hsara volontarja f' ghassa tal-Pulizija, kazijiet ripetuti ta' ingurji w theddid lill-ufficjali tal-Pulizija ghall-pussess ripetut tad-droga eroina w kokaina, *revolver* u munizzjon bla licenzja w ruxxmata reati konnessi mat-traffiku. Apparti sentenzi ta' multi, liberazzjonijiet inkondizzjonati w kondizzjonali w probation, hu gie kundannat darbtejn ghal sentenzi ta' prigunerija.

Apparti dan, din il-Qorti ma tistax ma tqisx il-hsara enormi li dawn il-kazijiet ta' *"snatch and grab"* fuq turisti jaghmlu lill-industrija tat-turizmu, b' mod li jigi newtralizzat l-isforz enormi li jaghmel il-pajjiz biex jippromwovi w jirreklama lil Malta f' dan il-qasam, bi spiza w investiment konsiderevoli. Minnhabba l-bluha tal-ftit jigi penalizzat il-pajjiz kollu. Dawn it-tip ta' reati ghandhom igibu fuqhom il-piena karcerarja li tiddisponi l-ligi bla zeghil zejjed.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' serq aggravat bil-valur skond it-tieni imputazzjoni w in kwantu kkundannat lill-appellat ghal tmin (8) xhur prigunerija w minnflok issibu hati biss ta' serq semplici fuq it-tieni imputazzjoni w, stante l-kondotta refrattarja tal-appellat u l-gravita' tar-reat, tikkundannah ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija w tikkonfermaha fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------